**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**
**9 LEĠIŻLATURA**
**Laqgħa Numru 3**

**L-Erbgħa 21 ta' Awwissu 2024**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fil-17:30.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsilliera |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**
Ħadd

## 03.01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Xejn

## 03.02 Approvazzjoni tal-minuti (seduta 2)

**03.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni fuq il-minuti ta' seduta 02.

**03.02.02** Fuq proponiment tal-Kunsillier Frederick Aquilina u sekondat mill-Kunsillier Anton Gatt, il-minuti ta' seduta 02 ġew approvati unanimament.

## 03.03 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**03.03.01** Ma kien hemm l-ebda kwotazzjonijiet x'jiġu approvati.

## 03.04 Komunikazzjoni mis-Sindku

**03.04.01** Is-Sindku John Schembri kkomunika mal-Kunsilliera preżenti rigward attivita` bejn l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali u d-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi, bl-isem ta' *Charity Bike Ride*, li se tinżamm nhar il-Ħadd 27 ta' Ottubru fit-8 am. Bħala kunsill ġie deċiż li din l-attivita` tiġi rreklamata fuq il-Facebook page tal-kunsill u li n-nies ikunu mħeġġa sabiex jipparteċipaw.

**03.04.02** Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsilliera li minn nhar il-25 ta' Lulju 2024, id-distrett għandu Supretendent ġdid, Frankie Sammut. Is-Supretendent talab għal-laqgħa kordjali mas-Sindku sabiex ikunu diskussi xi problemi li l-lokalita` jista' jkun qed jiffaċċja. Is-Sindku John Schembri laqa' din it-talba u ltaqa' miegħu, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell.

**03.04.03** Is-Sindku John Schembri informa lill-Kunsilliera li l-kampanja dwar il-konservazzjoni tal-Ilma, *Water Be the Change,* waslet fi tmiemha. Is-Sindku qal li t-tim tal-kampnaja kien għadu qed iqassam xi kits li jgħinu lir-residenti jiffrankaw l-ilma. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera li bħala Kunsill nuru l-interess tagħna sabiex għal darb'oħra dawn il-kits jitqassmu lir-residenti Luqin.

**03.04.03** Is-Sindku John Schembri fisser lill-Kunsilliera preżenti li kien irċieva komunikazzjoni, mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, Direttiva Numru 1/2024, nhar l-1 ta' Awwissu 2024 dwar il-Laqgħat statutorji tal-Kunsill li kienet tagħti l-fakulta` lill-Kunsillier li ma setax jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill fiżikament, seta' jattendi online. Is-Sindku John Schembri qal li nhar id-9 ta' Awwissu, huwa rċieva Direttiva Numru 2/2024, mill-istess Diviżjoni Lokali, li fiha s-Sindku kien infurmat li b'mod immedjat din id-Direttiva kienet revokata. Is-Sindku John Schembri għalhekk informa lill-Kunsilliera preżenti, li huma fl-obbligu li jattendi għal-laqgħat statutorji tal-Kunsill, fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

**03.04.04** Is-Sindku John Schembri spjega lill-Kunsilliera preżenti li l-lokalita` ta' Ħal Luqa kien imħeġġeġ jipparteċipa f'kampanja, bl-isem ta' European Week for Waste Reduction. Is-Sindku John Schembri qal li aktar dettalji rigward din il-kompetizzjoni se jingħataw

waqt laqgħa online. Is-Sindku John Schembri nnomina lill-Kunsillier Anton Gatt, reponsabbli minn dan id-dekasteru sabiex jattendi għal din il-laqgħa.

## 03.05 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**03.05.01** Il-Kunsillier Andrew Cassar staqsa lis-Sindku John Schembri aġġornament dwar l-immaniġġjar tat-traffiku ta' Triq Ġorġ Zahra kantuniera ma' Gużeppi Ellul. Is-Sindku John Schembri informa il-Kunsillier Andrew Cassar, li s-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell, kitbet lil min hu inkarigat sabiex minnufih tittieħed azzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell infurmat lill-Kunsillier Andrew Cassar li qed tistenna tweġiba. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell sostniet ukoll li talbet laqgħa urġenti mas-Sur Michael Cohen, Senior Manager fi ħdan Transport Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell qalet lill-Kunsilliera preżenti, li se żżomm il-Kunsill aġġornat b'xi żviluppi. Il-Viċi Sindku Keith Bartolo enfasizza li jekk bħala Kunsill ma nirċievu l-ebda tweġiba, f'każ ta' incident serju, il-Kunsill Lokali għandu jżomm lill-kuntrattur responsabbli.

**03.05.02** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna ppropona lill-Kunsill Lokali sabiex jerġa' jkun ippubblikat mill-ġdid il-ktieb ta' Dun Gużepp Micallef – **"Raħal fi Gwerra."** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna informa lill-Kunsilliera preżenti li l-familjari ta' Dun Ġużepp Micallef taw il-permess sabiex ikun ippubblikat mill-ġdid dan il-ktieb. Is-Sindku John Schembri flimkien mal-Kunsilliera l-oħra qablu ma' din id-deċiżjoni pero kien suġġerit li qabel il-Kunsill Lokali jidħol għal din l-ispiża, ikun għaqli li wieħed jara kemm hi d-domanda għal dan il-ktieb. Is-Sindku John Schembri talab lill-Kunsillier Jeffrey Scicluna sabiex jibda jiġbor xi stimi. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera kollha, li l-qligħ minn dan il-ktieb imur għad-Dar tal-Provvidenza.

## 03.06 Komunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

**03.06.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell fissret l-importanza li kwalunkwe ilment jew azzjoni li jasal għand il-Kunsilliera, li jrid jittieħed azzjoni dwaru, għandu l-ewwel jasal għand is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell. Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell flimkien mas-Sindku John Schembri jinfurmaw lill-ħaddiema tal-Kunsill x'azzjoni għandha tittieħed.

**03.06.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell avżat lill-Kunsilliera preżenti li l-vann tal-elettriku tal-Kunsill Lokali issa jista' jkun iċċarġjat fil-garaxx tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv fissret li saru l-arraġamenti neċessarji sabiex il-garaxx tal-Kunsill jinvesti f'apparat biex il-van ikun iċċarġjat mingħajr problem, sabiex ir-residenti Luqin jistgħu jagħmlu użu minn dan il-vann tal-elettriku.

## 03.07 Korrispondenza

**03.07.01** Il-Kunsill Lokali ta' Hal Luqa rċieva lment minn resident li jgħix fi Triq Wied il-Knejjes li sostna li l-karozzi qed jipparkjaw quddiem l-entratura tal-garaxx tiegħu għalhekk ma jkunx jista' jdaħħal il-vettura tiegħu fil-garaxx. Ir-resident talab li jsir metru ta' double yellow lines fuq kull naħa sabiex tissolva din il-problema. Il-Kunsilliera bi qbil unanimu qablu li jilqgħu t-talba ta' dan ir-resident sabiex isiru l-yellow lines fuq kull naħa.

**03.07.02** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa rċieva talba sabiex issir sleeping policeman jew speed limit, fi Triq il-Ġdida. Ir-resident irrimarka li din it-Triq saret perikoluża ferm u ssuġġerixxa li jekk il-Kunsill Lokali jilqa' t-talba tiegħu għandha ssir konsultazzjoni mar-residenti li jgħixu f'din it-Triq u flimkien jaraw fejn hu l-aħjar li ssir din l-isleeping policeman jew speed limit. Is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera preżenti qablu ma' dan il-proposta. Il-Kunsill Lokali se jressaq dan l-ilment lill-Infrastructure Malta sabiex tittieħed azzjoni meħtieġa.

**03.07.03** Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa rċieva tfakkira dwar il-possibbilta` ta' dawl fi Triq Wiġi. Dan ir-resident kien talab għal dawl xieraq f'din l-imsemmija triq. Is-Sindku John Schembri qal li bħala Kunsill ħa l-foreman f'din it-Triq. Il-Foreman informa lis-Sindku John Schembri li m'hemmx fejn jitwaħħal dawl. Is-Sindku John Schembri qal li se jibqa' jinsisti sabiex tinstab soluzzjoni.

## 03.08 Mozzjonijiet/Rakkomandazzjonijiet

**03.08.01** Xejn.

## 03.09 Aġġornament fuq it-Tenders

**03.09.01** Is-Sindku John Schembri qal lill-Kunsilliera preżenti li t-tender ta' Triq ir-Russett qiegħed fl-istadji finali. Is-Sindku John Schembri qal li sas-seduta li jmiss dan it-tender se jkun magħluq.

## 03.10 Miżura 4 tal-Galxlokk

**03.10.01** Il-Kunsillier Frederick Aquilina informa il-Kunsilliera preżenti li l-Miżura 4 tal-Galxlokk kienet sottomessa. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li nġabru xi kwotazzjonijiet għall-bandli u materjal ieħor relatati m'affarijiet favur l-ambjent. Il-Kunsillier Frederick Aquilina fisser li din l-iskema l-bażi tagħha hi li tiffoka fuq affarijiet favur l-ambjent (ħodor) u spazji miftuħa. Il-Kunsillier Frederick Aquilina qal li wara diskussjonijiet mas-Sindku John Schembri ddeċidew li f'din l-applikazzjoni jissottometu l-embellishment tal-Kappella tal-Ftajjar.

## 03.11 Quarterly Report/ Financial Statements

**03.11.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Astrid Pell ippreżentat it-tieni Quarterly Report (April sa Ġunju 2024). Fuq proponiment tal-Kunsillier Anton Gatt u sekondat mill-Kunsillier Jeffrey Scicluna, dan il-Quarterly Report ġie approvat unanimament. Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab li għas-seduta li jmiss l-Accountant tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa jkun preżenti sabiex jiċċara xi punti.

## 02.12 Attivita` Pasta Night f'Ħal Farruġ

**03.12.01** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna u l-Kunsillier Frederick Aquilina infurmaw lill-Kunsilliera preżenti li huma kienu se jiltaqgħu mal-caterer magħżul mill-Kunsill sabiex jaċċertaw li kollox imur sew. Is-Sindku John Schembri rringrazzja l-Isponsors u qal li se jibagħat ittra ta' ringrazzjament lil min se jagħti appoġġ, sabiex din il-Pasta Night tkun waħda ta' suċċess.

**03.12.02** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna spjega lill-Kunsilliera preżenti li kien se jiltaqa' ukoll ma' Tas-Sound sabiex jiddiskutu miegħu dwar id-dawl u sound għal din l-attivita`.

**03.12.03** Il-Kunsillier Jeffrey Scicluna qal li l-booking għandu jibqa' miftuħ sat-30 ta' Awissu 2024.

## 03.13 Skeda ta' Pagamenti u Petty Cash

Fuq proponiment tal-Kunsillier Jeffrey Scicluna u sekondat mill-Kunsillier Matthew Spiteri, il-Kunsilliera preżenti kollha qablu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 03.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**01.08.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-19.30 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 18 ta' Settembru 2024, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum l-Erbgħa, 18 ta' Settembru 2024.**

| | |
|---|---|
| **John Schembri** | **Astrid Pell** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |